# L-Aħbar

mill-Provinċja S. Pawl Appostlu - Malta

Settembru 2017
Nru. 222


# P. Clive jiċċelebra l-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr għad-don tas-Saċerdozju



Nhar il-Ġimgħa 24 ta' Awwissu P. Clive ċċelebra quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla għad-don tas-saċerdozju wara li fit-30 ta' Ġunju flimkien ma' P. Ramon Farrugia kien ordnat saċerdot minn Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna.

Il-quddiesa ġiet iċċelebrata ġewwa l-Parroċċa ta' Santa Elena, Birkirkara, fejn bosta familjari u ħbieb ta' P. Clive attendew għal din il-quddiesa. Matul il-quddiesa. P. Clive irringrazzja lil Alla ta' dan id-don kbir li issa qed jafdalu f'idejh, kif ukoll lil dawk kollha li akkumpanjawh matul il-mixja tiegħu biex jasal sa dan il-jum.

*ikompli f'paġna 3*

## Iċċedi s-saqaf tal-knisja tagħna tar-Rabat



Nhar l-Erbgħa 23 ta' Awwissu waqgħet parti mis-saqaf ta' fuq l-artal mejda tal-knisja Sta. Marija ta' Ġesù tar-Rabat. Il-ħsara hija kbira imma kulħadd irringrazzja lil Alla li l-inċident seħħ bil-lejl u għalhekk fil-knisja ma kien hemm ħadd.

Filgħaxija stess bħala fraternità, flimkien mal-komunità ċċelebraw quddiesa ta' radd ta' ħajr li ġiet evitata diżgrazzja ħafna ikbar.

Intant matul il-jiem li għad-

*ikompli f'paġna 4*

## Riċetta Biex Tkun Ferħan

"Qiegħed inħabbrilkom ferħ kbir!" Hekk tenna l-anġlu fil-lejl qaddis tal-Milied lir-ragħajja. "Għidtilkom dan, biex il-ferħ tiegħi jkun fikom, u l-ferħ tagħkom ikun sħiħ!" tenna Ġesu' lid-dixxipli tiegħu. "Ifirħu dejjem..." jgħidilna l-Appostlu missierna San Pawl. Imma mill-esperjenza tal-ħajja tagħna ta' kuljum, il-ferħ veru, il-ferħ dejjiemi, il-ferħ sħiħ, possibbli jew ħolma?

Ma jistax jonqos li għadhom friski quddiem għajnejja x-xeni li rajna ftit-tal-jiem ilu ġewwa l-Knisja tagħna tar-Rabat. Xeni li tisħajjel tarahom biss f'xi żmien ta' gwerra. Xeni li inizjalment iħalluk bla kliem, bil-kemm temmen dak li qed jaraw għajnejk. Imma malajr ikollok tiġi f'sensik biex tara x'inhu meħtieġ li jsir biex l-ewwelnett jitneħħa kull periklu u wara ssir it-tiswija meħtieġa tal-ġerħa f'dik il-parti tas-saqaf tal-knisja li ġġarrfet, matul il-lejl providenzjalment.

Meta rriflettejt ftit fuq dak li ġara, ġiet quddiem għajnejja r-riċetta li jagħtina Ġesu' biex il-ferħ tagħna jkun sħiħ tassew. L-ewwel ingredjent – inrażżnu lsienna. Kemm niġu f'inwkiet bla bżonn! Kemm naqalgħu nkwiet bla bżonn meta ma nqisux il-kliem tagħna. Kelma żejda lanqas għall-avukati m'hi tajba ngħidu. U hekk hu. Flok ingergru, flok inparlaw fil-vojt, flok nippruvaw naraw ta' min huwa t-tort, nidħlu f'qoxritna u rroddu

*ikompli f'paġna 2*

minn paġna 1

ħajr lil Alla li ħadd ma baqa' mejjet. Inħossna li lkoll twelidna mill-ġdid. Bi ftit sigħat il-Mulej skansana minn mewta xejn sabiħa u għall-għarrieda!

It-tieni ingredjent – il-fidi! Li temmen li xejn ma jsir b'kumbinazzjoni. San Ġorġ Preca hekk kien iħobb jgħid, "Għal min jemmen, xejn ma jsir kumbinazzjoni!" L-id ta' Alla, il-ħarsien ta' Ommna Marija u ta' San Ġużepp kienu hemm għalina. Jiena ngħid li kien miraklu kbir li dan kollu ġara meta l-Knisja kienet magħluqha u mhux waqt il-ħin tal-Quddies għax min minna kien ikun fuq l-altar kieku llum ma għadhux magħna! U stajt kont jien!

U hawnhekk it-tielet ingredjent – li tkun fil-grazzja t'Alla! "Mewt u xita Alla jaf meta!" jgħid il-Malti. Kemm huwa importanti li l-ħin kollu nkunu fil-grazzja t'Alla. Lesti għal dak il-mument meta l-Mulej isejħilna għalih. Mumenti bħal dan tal-Erbgħa 23 ta' Awwissu jgħinuk tapprezza aktar is-saħħa u l-ħajja u jfakkruk li xi darba trid tagħlaq għajnejk darba għal dejjem għal din id-dinja biex tiftaħhom darba għal dejjem għall-Eternita'! U għalhekk kemm huwa sew li f'ebda ħin ma nħallu mqar l-iċken dnub itaqqal il-qalb tagħna. Neħilsu minnu u ninħelsu minnu.

"*Be prepared*" huwa l-motto tal-Boy Scouts. "Kunu mħejjija," jgħidilna Ġesu', " għax la tafu l-jum u lanqas is-siegħa!" Il-Mulej jagħtikom is-Sliem!

*P. Richard S. Grech, OFM*
*Ministru Provinċjal*

## Iċċelebrata l-Festa ta' Santa Klara



Nhar il-11 ta' Awwissu l-festa liturġika ta' Santa Klara, ġiet iċċelebrata ġewwa l-Monasteru ta' San Ġiljan. Iċ-ċelebrażżjoni tmexxiet mill-Ministru Provinċjal, P. Richard S. Grech, OFM.

Fil-messaġġ tiegħu huwa tkellem fuq is-sabiħ tal-qaddisin u qal li "Saints are people with God's light shining through" u spjega li aħna għandna dan id-dawl li qiegħed ġo fina. Allura skont is-sejħa tagħna dak id-dawl irid jiddi barra minna fuq id-dinja ta' madwarna. U dan fehmitu Santa Klara tant li Alla kien jidher fil-ħajja tagħna. U aħna ma nistgħux inxekklu dan id-dawl li hemm jgħammar ġewwa fina. Huwa semma t-tliet kelmiet li l-Ordni se juża fil-Kunsill Plenarju: "listen, discern, action" u għalhekk importanti li aħna nisimgħu lil Alla jkellimna f'qalbna u naġixxu.

Lejn tmiem iċ-ċelebrazzjoni l-Madre Badessa tat il-messaġġ tagħha ta' ringrazzjament għal dak kollu li l-Mulej jagħmel mas-sorijiet Klarissi. Hi tkellmet fuq is-sapport li tara min-nies li ta' kuljum jirrikorru għandhom speċjalment għat-talb. Importanti li nkomplu nimxu t-triq kollha dawl flimkien u appellat għat-talb fil-familji għax aħna rridu nirrikorru għand Ġesù għax hu ma jabbandunaniex.

Wara l-quddiesa dawk preżenti kienu mistiedna għal riċeviment fil-ġnien tal-monasteru

### Settembru
## Appuntamenti

**3** ta' Settembru, Bidu tal-ħidma pastorali ta' P. Paul Attard, OFM bħala Kappillan tal-Parroċċa tas-Sacro Cuor, Sliema. Quddiesa mill-E.T. Mons. Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta, fid-9.30.

**9** ta' Settembru, Jum is-Sejħa Franġiskana: Għawdex

**16** ta' Settembru, Jum is-Sejħa Franġiskana: Rabat

**17** ta' Settembru, Festa tal-Għoti tal-Istimmati Mqaddsa ta' Missierna San Franġisk - Ħamrun.

**Birthdays - Settembru**

13. P. Stephen Magro

**Festi - Settembru**

08. P. Victor Camilleri
29. P. Gabriel Micallef

# ...Quddiesa ta' Radd il-Ħajr

*minn paġna 1*

Skont it-tema meħuda mill-Vanġelu ta' San Luqa (Lq 1:49) "Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar, Qaddis hu l-isem tiegħu", dak li Marija rat, esperjenzat u għarfet li l-Mulej għażilha u għalhekk kien qed jagħmel ħwejjeġ kbar magħha. Hekk ukoll P. Clive stqarr li kien qed jara u jġarrab lill-Mulej li għamel ħwejjeġ kbar miegħu biex seta' jasal sa hawn. P. Martin Coliero li għamel l-omelija tal-okkażżjoni, ukoll żamm ma' din it-tema u ħeġġeġ lil P. Clive biex bħal Marija huwa jibni ħajtu fuq il-vanġelu, fuq il-Mulej bħal ma għamlet Marija u bħal ma għamel San Franġisk.

Waqt il-quddiesa kanta l-Coro Bel Canto taħt it-tmexxija ta' Mro. Hermann Farrugia Frantz.

P. Clive bħalissa jinsab fil-fraternità ta' tas-Sliema u huwa l-Vigarju tal-Kunvent.

Min-naħa tagħna bħala Provinċja nwegħduh it-talb tagħna ħalli jkun verament strument f'idejn Alla. Ad Multos Annos!!









**3 ta' Settembru, Bidu tal-ħidma pastorali ta' P. Paul Attard, OFM bħala Kappillan tal-Parroċċa tas-Sacro Cuor, Sliema. Quddiesa mill-E.T. Mons. Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta, fid-9.30.**



# Xeni ta' terremot fil-Knisja tagħna tar-Rabat







dew tkompla ix-xogħol fuq is-saqaf tal-Knisja u dan biex ikompli jitneħħa l-periklu minn dik il-parti tas-saqaf li ma waqgħetx. Wara dan isir ilqugh temporanju biex jilqa' għall-elementi tat-temp bit-tama li fl-iqsar żmien possibbli ssir il-koppla li qatt ma saret.

Matul il-ġurnata tat-23 ta' Awwisu diversi dinjitarji żaru l-Knisja biex jaraw il-ħsara li saret fil-knisja, kif ukoll ħafna wiegħdu l-għajnuna tagħhom kemm bħala xogħol kif ukoll finanzjarja.

Żar il-knisja wkoll l-Arċisqof Charles Scicluna li aktar kmieni fuq Twitter wera s-solidarjetà tiegħu mal-Patrijiet u wegħidhom talbu. Huwa qal li: "Tibki tara dil-ħsara" u rringrazzja kemm-il darba lill-Gvern tal-għajnuna li qed joffri lill-patrijiet.

Talab lil kulħadd biex jitolbu għall-patrijiet, iżda rrimarka li dan l-inċident għandu jservi ta' tagħlima sabiex nirrealizzaw li għandna tant ġawhar li hu fl-istess ħin delikat.

Il-Patrijiet ħarġu ukoll Stqarrija lill-istampa biex jispjegaw dak li ġara kif ukoll talbu biex kulħadd jgħin kif jista'. Huma qalu li: "Issa li ġie mnaddaf kważi għal kollox it-terrapien li waqà mis-saqaf, nistgħu nikkonfermaw li l-altar inqered għal kollox, u b'hekk irid isir altar tal-irħam ġdid. Fejn qabel konna qed naħsbu li ma kienx hemm ħafna ħsarat fuq l-art tal-presbiterju (l-art tal-altar), issa li nkixfet, indunajna li parti sostanzjali minnha nqerdet, u allura trid issir mill-ġdid ukoll. Dan nistgħu ngħiduh ukoll għal kull apparat jew oġġett li kien jintuża ta' kuljum fuq l-altar – kollox inqered. Hemm ħsara sostanzjali wkoll fl-irħam tal-altar maġġur.

Fil-mument qed jittellgħu travi tal-ħadid biex tissaqqaf il-parti ta' fejn kien hemm l-altar. Mhux biss biex inkunu nistgħu nilħqu s-saqaf imma anke biex jiżżarma dak li baqà, u hekk jiġi evitat kull periklu. Wara se jitpoġġa saqaf proviżorju għax fil-mument qed isiru studji biex ladarba nħolqot din il-fetħa fis-saqaf, issir il-koppla li dejjem kienet fil-ħsieb li ssir għax saħansitra diġà hemm il-pedamenti tagħha fuq il-bejt tal-Knisja.

Nixtiequ niċċaraw dak li qed jiġi rrapurtat dwar il-finanzjament ta' dan ix-xogħol. Aħna grati immens mill-għajnuna li wegħidna l-Gvern u entitajiet oħra, iżda bl-ebda mod, ma jfisser li dawn se jkunu qed jidħlu għall-ispiża totali tat-tiswijiet u tal-proġett kollu. Aħna dan fhimnieh mill-bidu, u f'ebda mument ma ppretendejna mod ieħor, għax fl-aħħar mill-aħħar mhux aħna u l-problemi tagħna biss jeżistu f'pajjiżna. Din l-impressjoni li ngħatat però, qed iżżomm lill-pubbliku milli jikkontribwixxi, bil-ħsieb li ma hemmx il-bżonn li wieħed jagħmel dan. Dan mhu minnu xejn, anzi nitolbu lill-pubbliku jgħinna f'dan il-mument diffiċli, għax mingħajr din l-għajnuna żgur li ma naslux biex nagħmlu x-xogħlijiet meħtieġa. Niftakru li dan mhux biss tempju reliġjuż, iżda huwa ukoll patrimonju nazzjonali, u għalhekk infetaħ fond ta' Emerġenza: BOV A/C 40020868884."

**L–AĦBAR** *mil-Provinċja San Pawl Appostlu - MALTA* - ***Editur:*** *P. Joseph Magro OFM*
***eMail:*** *jmagro@ofm.org.mt* - ***tel:*** *+356 21234316 - http://www.ofm.org.mt - www.fb.com/ofm.org.mt*